# 134. Il-Għama Kantant

Seta', jekk ried,
jgħaddi ħajja ta' swied
il-qalb f'xi rokna,
ma jagħmel xejn,
u jkun il-piż fuq niesu
jew fuq pajjiżu;
iżda,
flok għamel hekk,
għażel li jbigħ
mhux frott sabiħ,
jew ħelu jew ċejċiet,
'mma d-diq
u l-iolfiq
ta' qalbu,
ta' xortih
il-kefrija
imfissra
bil-melodija
f'noti sbieħ
fuq il-kitarra
mid-dar 'il barra 'l barra.

Għaddej mit-toroq
ibigħ ibigħ
in-noti sbieħ,
ibigħ bla flus,
kulħadd joħroġ fit-tieqa
jew jieqaf fit-triq
biex jixtri
u kull min jixtri jagħtih
'k irid,
xi ħaġa żgħira tan-noti sbieħ.

Għaddej, għaddej,
ibigħ
bix-xej'
in-noti sbieħ,
u jqanqal il-ħniena
fil-qlub,
u l-ferħ,
u jxerred il-messaġġ minn kull fejn jgħaddi:
illi kull morr jista' jsir anqas morr
bix-xogħol u bil-bżulija,
bis-sbuħija,
u bil-ħniena nisranija.